FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

Vs

Faysal Mohamed Hashim Alstif

Kawza numru: 6747/2025

Illum 27 ta' Gunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Faysal Mohamed Hashim Alstif bin-numru tal-karta tal-identita' 0026072A**[1]

**Akkuzat** talli:

1. Bhala persuna li kont diehla jew hierga minn Malta, jew li kont ghaddejja fi transit minn Malta, inqast milli tiddikjara lill-kontrollatur tad-Dwana li kont qed iggorr mieghek somma ta' valur ta' ghaxart elef Ewro (Euro 10,000) jew iktar fi flus kontanti.

Il-Qorti giet gentilment miltuba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghal hlas, lir-Registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Mejju 2019.[2]

Rat il- fedina penali tal-imputat.[3]

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Dok NV 1 tal-process.
[3] Dok. NV 3 tal-process.

Rat l-atti kollha.

Hadet nota tat-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni prezentati in atti nhar it-28 ta' Jannar 2025.[4]

Rat is-sottomissjonijiet tad-difiza ppresentati in atti (kienu ghadhom ma dahlux sal-25.2.25).[5]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-imputat lill-awtoritajiet tad-dwana fl-ajruport ta' Malta ta' aktar minn ghaxart'elef Ewro (€10,000) flus in kontanti huwa u hiereg mill-Mitjar Internazzjonali ta' Malta nhar it-30 ta' Mejju 2019.

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

Xehed **Daniel Delia** nhar l-20 ta' Mejju 2021 u qal li hu flimkien mal-kollega tieghu l-iSpettur Brian Saliba tad-dwana, kienu xoghol fit-30 ta' Mejju 2019 fil-mitjar tal-Gudja u kienu qed jaghmlu kontroll fuq flus fuq titjira ghall-Istanbul.[6] F'xi l-ghaxra dahal l-imputat li kien ghadda fuq l-ufficjali tal-immigrazzjoni u kien sejjer fil-filliera biex jitla' ghal fuq l-ajruplan. **Meta avvicinawh hu qalilhom li kien qed ifittex xi ufficjali**

[4] Folio MHUX NUMERAT tal-process.

[5] Folio MHUX NUMERAT tal-process.

[6] Ezebixxa il-flus sekwestrati bhala Dok 'DD1' Folio 62 tal-process. Env 02888220 u Env 02888221.

**tad-dwana biex jiddikjarahom u qalilhom li kellu madwar mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000)**. Il-kollegi tieghu Antonella Muscat u Kirsten Borg gew hdejhom u dahhlu lill-imputat fl-ufficcju biex jaghmlu il-kontroll. Antonella Muscat qaltlu biex johrog il-flus kollha li kellu u hargilhom elfejn u tlett mija u hamsa u sittin Ewro (€2,365), mitt dollar ($100) u tlett mija u hamsin Lira Turka (₺50). '***Imbaghad minn hemmek hu kellu bagalja li kienet akkumpanjata mieghu u fuq in-naha ta' wara meta fetahha, taht bicca kartuna u xalla sewda kellu Ewro 125,000.***[7]' Jghid listaqsewh jekk kellux aktar flus fuqu u qalilhom li le. Gie avzat ir-rapprezentant tat-Turkish Airline biex inizzel lill-passiggier u gew avzat il-pulizija tal-Money Laudering Unit. Il-flus gew maqsuma f'zewg envelopes li go fihom hemm mija u sbatax-il elf u hames mija u sitt Ewro (€117,506). Jispjega li l-imputat twaqqaf in-naha tad-"departures in non- Schenghen area". U kien qieghed fil-filliera biex jibqa' tiela ghall-ajruplan. Ikompli jispjega: '**In-naha tad-departures tal-airport fuq qabel in-non-Schenghen area, jigifieri qabel ma tghaddi minn fuq l-ufficjali tal-immigrazzjoni inti fejn jittimbrawlek il-passaport, hemm ufficju taghna tad-dwana fejn inti f'kull haga li jkollok bzonn kemm 'dikjarazzjonijiet per ezempju jew inkella refund tat-taxxa tmur hemm. Inti l-obbligu tieghek qabel ma ssiefer tmur hemmekk tiddikjara l-flus u specjalment tkun sejjer barra mill-Ewropa hence in-non Schenghen, trid tghaddi hemmehekk minn qabel inti, qabel ma tghaddi minn fuq l-ufficju tal-immigrazzjoni.**'[8] Isostni li fic-check in hemm kolonni u fuqhom hemm spjegat li trid tiddikjara kull ammont ta' 'l fuq minn ghaxart'elef Ewro (€10,000). Jghid li anke hdejn l-ufficcju taghhom hemm banners kbar li jghid l-istess u dan qabel ma tidhol fuq l-ufficjali tal-immigrazzjoni. Il-banner hu miktub bl-Ingliz. Jghid li l-ufficcju taghhom hu l-ahhar punt qabel ma tasal ghand l-ufficjali tal-immigrazzjoni. L-imputat sabuh wara li kien ghamel l-immigration check

[7] Pagna 2 tax-xhieda.
[8] Pagna 4 u 5 tax-xhieda.

jigifieri wara l-ufficcju taghhom. Jghid li l-valutazzjoni saret fuq ir-rata tat-0 ta' Mejju 2019.

Kontro-ezaminat jikkonferma li meta qalulu biex johrog kollox hu fetah il-bagalja tieghu. Jghid li l-flus kienu impoggija taht il-kartuna. Jghid li hu qalilhom bil-flus meta kien qed jistenna l-ajruplan u mhux mill-ewwel. Jghid li fil-bagalja biss kien hemm mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€125,000). Hu ma kellimx lil ground hostess li ghamlitlu ic-check in. Jaqbel li meta waqqfuh hu mill-ewwel qalilhom li qed ifittex fejn jiddikjara il-flus. Jghid li hu qalilhom dwar il-flus meta identifikaw irwiehom. Huma ma jilbsux uniformi, kienu pajzana. Huma identifikaw irwiehom bil-card. Jaqbel li qalilhom fuq il-flus. ***Jghid li hu kien sejjer gol-que. Meta kellmuh ma kien'x lest biex jitla' l-ajruplan***.[9] Jghid li hu kien miexi lejn il-gate tal-ajruplan. Kien miexi. Jghid li ma hemm xejn sinjali mal-art dwar kemm tista' tohrog flus.

Xehdet **CO Antonella Muscat** nhar l-20 ta' Mejju 2021 u qalet li kienet xoghol il-Mitjar Internazzjonali ta' Malta mal-kollega taghha Kirsten Paul Borg fl-ufficcju tad-dwana tas-sala tat-tluq filwaqt li l-kollegi taghhom l-iSpettur Brian Saliba u Daniel Delia kienu fin-non-Schenghen area meta raw lill-imputat diehel minn fuq tal-immigrazzjoni. Tghid li kien ***ghadu kif ghadda fuq l-immigration control***, **minn fuq il-passport control**.[10] Kien sejjer fil-filliera tat-titjira ta' Istanbul. Brian Saliba u Daniel Delia marru fuqu u identifikaw irwiehom u qalulu li ser jaghmlu kontroll fuq flus u hu qalilhom li ghandu madwar mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000). Hija ma kinitx prezenti dak il-hin. Meta hargu mill-ufficcju, z-zewg kollegi taghhom u l-imputat mill-ewwel qalulhom li kellu madwar mija u ghoxrin elf Ewro

[9] Pagna 11 tax-xhieda.
[10] Pagna 1 tax-xhieda.

(€120,000). Go l-ufficju hu hareg madwar mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€125,000), elfejn u tlett mija u hamsa u sittin Ewro (€2,365), mitt dollaru amerikan ($100) u tlett mija u hamsin Lira Turka (₺350) li kienu go qiegh il-bagalja mghottija b'kartuna u kellu xalla sewda fuq il-kartuna. Huma tawh l-ghaxart'elef Ewro (€10,000) u zammewlu mija u sbatax-il elf u hames mija u sitt Ewro (€117,506). Qalet li lill-akkuzat hija qatt ma ratu qabel it-30 ta' Mejju.[11]

Xehed **Customs Officer Kirsten Paul Borg** nhar l-20 ta' Mejju 2021 u jghid li hu kien ma' Antonella Muscat u kienu ghadhom kemm hargu mill-ufficcju taghhom fl-MIA departures. Dahlu fin-non-Schenghen area fejn kien hemm iz-zewg kollegi l-ohra u qalulna li kien hemm passiggier li kien sejjer fil-que u waqfuh biex jaghmlu currency check u qalilhom li kien qed ifittex lid-dwana biex jiddikjara xi mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000). Hu ma kienx prezenti meta l-imputat twaqqaf. Jghiid illi l-imputat gol-ufficcju intalab jipprezenta l-flus u hareg mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€125,000) li kienu taht zip taht bicca kartuna li kienet moghottija b' xalla sewda. Apparti minn hekk hareg elfejn u tlett mija u hamsa u sittin Ewro (€2,365), mitt dollaru amerikan ($100) u tlett mija u hamsin Lira Turka (₺350). Wara infurmaw lill-pulizija. Huma hadulu mija u sbatax-il elf hames mija u sitt Ewro (€117,506).

Kontro-ezaminat jikkonferma li kien ma' Antonella Muscat. Jghid li l-imputat meta mwaqqaf ma ippruvax jahbi xi flus. Jikkonferma li kien l-imputat li pprezenta l-flus mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€125,000) kienu fil-bagalja u l-ohrajn fuqu. L-imputat ikkopera bi shih maghhom.

[11] Pagna 4 tax-xhieda.

Xehed **PS 196 Dion Agius** li jghid li hu mar l-ufficcju tad-dwana nhar it-30 ta' Mejju 2019 fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Nicholas Vella. Kien hemm mieghu PC 1290 u kien hemm ukoll l-imputat. L-ufficjali tad-dwana urewh il-flus li kellu s-suspettat fuq mejda. B'hekk hu infurmah li kien arrestat u tah id-drittijiet legali ukoll. Wara hadu l-lock up u wara ittiehditlu stqarrija fil-prezenza ta' Dr. Lorna Mifsud. Jiccara li l-istqarrijiet kienu tlieta. Jghid li hu kien ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn kien prezenti l-imputat u l-avukat tieghu. Kienu gew elevati xi affarijiet ukoll.

Kontro-ezaminat jghid li l-imputat ikkopera maghhom.

Xehed **PC 1290 Clayton Demicoli** fejn ikkonferma li kien mar l-ajruport u kien ma' PS 196 meta arrestaw lill-imputat. Hu ezebixxa n-notamenti tieghu u ma ried izid xejn fuqhom.

Xehed l-imputat **Faysal Mohamed Hashim Alstif** minn rajh wara li gie debitament imwissi nhar is-17 ta' Jannar 2025. Jghid li huwa mar jaghmel check in, ha l-boarding pass u mar f'dik l-arja fejn jifthulu l-gate u tela' fuq. Kif tela' t-tarag tal-elettriku u meta ghamel is-security screening qal lis-security guard u qallu li ghandu l-flus u irrid jirregistrahom u ghandu bzonn l-ufficju tad-dwana. Is-securrity qallu li mhux huma jiehdu hsiebhom u qallu li kien fejn id-duty free, fejn hemm l-ufficju hemm dawk il-kaxxi tal-immigration li jittimbrawlek il-passaport. Mar ha kafe imbaghad baqa' sejjer hemm. Ittimbrawlu l-passaport tieghu u ghadda zewg passi u sab tnejn minn nies lebsin normali. Qalilhom li kien qed ifittex l-ufficju tad-dwana biex jiddikjara l-flus. Huma qalulu li kienu tad-dwana. Huwa qallhom li tajjeb ghax daqt ser jitlaq l-ajruplan. Jghid li qalulu le issa too late ghax ghaddejt il-line. L-ufficjal qallu li suppost li qabel ghadda il-passport check huwa kellu jidhol l-ufficcju taghhom, hu qalilhom li haseb

li ried jiddikjara wara li jittimbra l-passaport. Jghid li l-ufficcju ma kienx jaf fejn hu. Jghid li l-gate tieghu kienet l-ahhar gate. Jichad li ghadda fil-filliera tal-imbark u jishaq li kien xi zewg passi wara li ittimbra l-passpaort. Jghid li l-filliera tal-imbark kienet ‘l boghod.

Kontro-ezaminat jghid li qabel qatt ma siefer bil-cash u kienet l-ewwel darba.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa ta’ nazzjonalita’ Sirjana, ghandu passport Libjan u kien sejjer lejn Istanbul ghal gurnata. Jidher li hu kellu protezzjoni internazzjonali u permess tar-residenza Maltija fil-mument li twaqqaf mill-ufficjali tad-dwana.

Minghajr dubbju li l-passiggier, illum imputat ma ddikjarax l-flus fejn kellu jiddikjarahom u jibqa’ jinsisti li huwa kien qed ifittex fejn jiddikjarahom meta iltaqa’ mal-ufficjali tad-dwana. Il-Qorti innutat l-istqarrijiet li ta l-imputat a tempo vergine fit-30 ta’ Mejju 2019, 31 ta’ Mejju 2019 u fit- 12 ta’ Gunju 2019. Il- Qorti issibha stramba u suspettuza hafna kif l-imputat kien ser jitla’ ghal gurnata Istanbul b’ammont daqshekk konsiderevoli (mija u sebgha u ghoxrin elf u hames mija u sitt Ewro (€127,506 b’kollox) u li kellu l-intenzjoni jiddikjarahom[12]. Certament it-transazzjoni fiha nnifisha hija suspettuza u zgur jekk l-ammont kien ser jigi dikjarat allura kien ser iqajjem alarm.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnotax kif il-flus gew mistura fil-hand luggage.

[12] Pagna 2 ta’ Dok NV 5.

Il-Qorti tinnota ukoll li l-imputat fl-istqarrija tat-30 ta' Mejju 2019 ma wegibx ghal xi domandi, kif kellu dritt li jaghmel. Domandi pero' li huma ta' importanza fl-isfera tar-reat addebitat lilu, ossija l-intenzjoni ghal dawk il-flus u ma' min kien ser jiltaqa' it-Turkija. Xi haga li tkompli thasseb lil din il-Qorti u issahhah il-fehma taghha li MHUX vera li hu kien ser jiddikjara l-flus imma iddikjarahom meta huwa gie imwaqqaf mill-ufficjali tad-dwana ghax kien jaf li kien ghadu ma iddikjarahhomx. B' hekk pprova johloq messa in scena li qed ifittex il-post fejn jiddikjarahom. L-ufficjal Daniel Delia f'pagna 9 tax-xhieda tieghu kien carissimu: '*Wara li ahna identifikajna ruhna u ghidnielu, qalilna imbaghad iva li ghandu flus x' jiddikjara*'. F'pagna 10 imbaghad jghid:

*'Dr. Lorna Mifsud Cachia: Sewwa. Kif identifikajtu ruhkom biha (card tal-ufficjali tad-dwana) qalilkom.*

*Daniel Delia: Iva'*

Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-imputat.

Huwa minnu li l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, izda fid-dawl tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni kien jinkombi lilu li jressaq il-provi biex isostni l-verzjoni tieghu u jiskolpa ruhu u dan mhux biss bil-verzjoni tieghu. Kien hemm diversi modi kif l-imputat seta' jissostanzja l-verzjoni tieghu u juri li dak li qed jghid huwa l-verita. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li seta' jitlob il-filmat tas-sigurta biex juri li huwa kien staqsa fis-security check fejn irid imur biex jiddikjara l-flus. Huwa seta' wkoll igib prova li l-filliera ghall-imbark tal-ajruplan li kien ser jirkeb kienet ferm il-boghod minn fejn twaqqaf mill-ufficcjali tad-dwana. Seta' wkoll igib prova li l-ufficcju tad-dwana kien qrib fejn kien hu x'hin gie imwaqqaf, fost affarijiet ohra. Izda huwa ma ghamel xejn minn dan biex isostni l-verzjoni tieghu.

Il-Qorti tghid li hija ben konxja li madwar l-ajruport hemm diversi sinjali dwar kif u fejn trid tiddikjara tali flus u allura kull passiggier, inkluz l-imputat, jista' facilment imur fl-ufficcju qabel ma jaqbez il-kontroll tal-immigrazzjoni. U hekk kellu jaghmel l-imputat. Anki fl-istqarrijiet tieghu l-imputat ma semma xejn li huwa staqsa lill-ufficjal tal-immigrazzjoni dwar x'seta jaghmel biex jiddikjara l-flus li kien qed igorr, u dan jimmilita biss illi m'hemmx dubju li zgur huwa edott mill-procedura dwar fejn kellu jiddikjara l-flus. Aktar minn hekk ladarba l-imputat kellu l-permess tar-residenza, ifisser li hu kien midhla tal-pajjiz u tal-proceduri tieghu u, jekk kellu xi diffikulta, messu stqasa qabel il-jum tat-30 ta' Mejju 2019 lill-awtorita' koncernata fl-2019; din l-informazzjoni setghet facilment tkun ghandu qabel id-data tat-tluq. Certament ma setax jghid li hu ma kienx jaf fejn kellu jmur.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-principju "ignorance of the law is no excuse" u cioe li ma tkunx taf x'tghid il-ligi u x'inhuma l-proceduri li wiehed ghandu jimxi bihom ma hux skuzanti ghall-ksur tal-ligi. Il-Qorti fil-kaz in ezami m'ghandHa l-ebda dubju li l-imputat kien jaf sew illi huwa kellu jiddikjara il-flus oltre l-ammont ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000), kien jaf li se jgorr aktar minn hekk tant illi heba l-flus taht kartuna sewda u mghottija f'xall fil-bagalja tieghu, mhux biss izda huwa baqa' ghaddej mic-check in qisu xejn, u kien biss x'hin twaqqaf mill-ufficcjali li gab l-iskuza li kien qed ifittex il-post tad-dwana. Il-Qorti tqis din il-verzjoni tal-imputat inverosimili in vista tal-prekawzjonijiet li ha sabiex ma jinstabux il-flus. Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat prova jghaddi z-zmien bl-ufficcjali tad-dwana billi jghidilhom li kien qed ifittex l-ufficcju taghhom, wara kollox kif kienu se jaghmlu t-tfittxija kien ser jinstab fil-pussess ta' din is-somma flus u ghalhekk prova jsib raguni biex jiskolpa ruhu minn nuqqas tieghu li jiddikjara l-flus mal-ewwel u qabel ma qabez il-post tac-check in. Huwa

kien gia qiegħed fil-filliera jistenna biex jitla' fuq l-ajruplan u għalhekk m'hemmx dubju li l-intenzjoni tiegħu kienet illi ma jiddikjarax dawn il-flus.

Għaldaqstant, issa irid igorr il-konsegwenzi tal-għemil tiegħu u għar-ragunijiet kollha fuq esposti l-Qorti ser issibu ħati tal-akkuża kif dedotta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ligi sussidjarja 233.07 Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus giet emendat diversi drabi wara 2019 u dan permezz tal-avviz legali 285/2020, XVIII tal-2021, VII tal-2022 u finalment XII tal-2023. L-imputat qed jigi akkuzat li kiser ir-regolament 3 (1) tal-imsemmi legislazzjoni sussidjarja. Illi l-principju huwa li l-Qorti hija obbligata li taghti piena l-aktar favorevoli ghall-imputat.[13]

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat il-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **FAYSAL MOHAMED HASHIM ALSTIF HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ai termini tal-artikolu 3(5)(b) tal-legislazzjoni sussidjarja 233.07 tal-ligijiet ta' Malta qed tikkundannah multa ta' erbgha u sittin elf u sitt mija u tmienja u sebghin Ewro rapprezentanti l-multa ta' hamsin Ewro (€50) kif ukoll il-multa ta' 55% tal-ammont sekwestrat, ossija ta' mija u sbatax-il elf u hames mija u sitt Ewro (€117,506) li jammontaw ghal erbgha u sittin elf u sitt mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€64,628).

[13] Ara **Il-Pulizija vs Walter Zammit** (Appell Nru. 420/2016) mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.

Il-Qorti tordna ukoll il-konfiska tas-somma misjuba fuq l-imputat u cioe mija u sbatax-il elf u hames mija u sitt Ewro (€117,506) favur il-Gvern ta' Malta.[14]

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-imputat fi kliem car, kif ukoll l-obbligi tieghu taht l-istess u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li l-partijiet jinghataw kopja ta' din is-sentenza immedjatament u li kopja ta' din is-sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 27 ta' Gunju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur

[14] The Police (Insp. James Turner) vs Sasa Manojlovic (App. No. 103/2022) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit- 22 ta' Settembru 2022 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.